7 ta' Frar, 1953

Imħallef
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

**Rev. Kan. Salvatore Ellul pr. et ne.**
*versus*
**Kan. Primiċerju Giuseppe Farrugia**

**Spoll — Aperturi — Tieqa — Pussess — "Animus Spoliandi" — Possessorju u Petitorju — Art. 572 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Għall-azzjoni ta' spoll hu biżżejjed li l-persuna spoljata tiġi mneżża' mill-pussess, "ta' liema xorta jkun". U dan jingħad mhux biss għan-natura tal-pussess, imma anki għaż-żmien. Anki pussess qasir ħafna, u saħansitra pussess momentaneu, huwa biżżejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll; b'mod li f'każ ta' attur li jippretendi li sofra spoll billi fir-rikostruzzjoni ta' bini mwaqqa' nbena ħajt diviżorju li fih infetħu twieqi jew aperturi oħra li jagħtu għall-fond tiegħu, li huwa jippretendi li qabel ma kienux jeżistu, mhux neċessarju li l-attur jipprova li huwa ilu jippossjedi l-fond mingħajr l-eżistenza ta' dawk l-aperturi għal tletin sena, imma hu biżżejjed li jipprova li f'xi żmien dawk l-aperturi nfetħu mentri qabel ma kienux hemm.*

*Għalkemm kawża ta' spoll hija ta' indoli possessorja, jista' jkun neċessarju li jiġi delibat il-petitorju b'xi mod, sabiex jirriżultaw il-limiti tal-pussess ta' l-attur u t-titolu tal-konvenut—ċirkustanzi dawn li minnhom tista' tiddependi l-possibilità ta' l-azzjoni ta' spoll, u li kostantement ġew rikonoxxuti bħala ammissibili anki mill-Qrati Tagħna.*

*Anki sempliċi privazzjoni parzjali tal-pussess tista' tammonta għal*

*spoll; u jekk il-konvenut li fetaħ dawk it-twieqi jippretendi li fetaħhom għax kienu hemm qabel ma ġie rikostruwit il-fond, li kien imġarraf, jiġi li hu eżerċita dritt li jippretendi li kellu, u allura ma jirrikorrix fih l-"animus spoliandi", li huwa meħtieġ għall-konfigurazzjoni ta' l-ispoll.*

*Jekk, imbagħad, dawk it-twieqi nfetħux fl-istess dimensjoni li kienu qabel, din hija kwistjoni li teżorbita mill-limiti tal-kawża possessorja u tidħol fil-kamp petitorju; għax il-petitorju fl-azzjoni possessorja jkun ġie sempliċement delibat.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni opportuna, u wara li jsiru l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, peress illi l-atturi huma l-proprjetarji tal-fondi 7 u 7A, Desain Street, Vittoriosa, u l-konvenut proprjetarju, flimkien ma' oħrajn (almenu kif allega fil-kontroprotest tal-21 ta' Ottubru 1952—dok. A) tad-djar numru 17, 18 u 19 Saint George Street, Vittoriosa, li jinsabu wara l-fondi ta' l-atturi; u peress illi fir-rikostruzzjoni tal-fond ta' Saint George's Street il-konvenut ikkommetta spoll privileġġjat u reċenti, billi fforma fil-ħajt doppju li jiddividihom mill-fondi ta' l-atturi, b'għoli ta' żewġ filati u wisa' ta' ċirka pied u nofs, żewġ twieqi fil-pjan ta' fuq il-pjan terren, mentri dawk it-twieqi qatt ma kienu jeżistu qabel il-gwerra, għalkemm seta' kien hemm żewġ ventjeri (rewwieħat) ta' dimensjoni ferm iżgħar; talbu li (1) il-konvenut jiġi kundannat li jerġa' jagħlaq iż-żewġ twieqi fuq imsemmija minnu miftuħa anqas minn ħmistax-il-ġurnata ilu, fil-waqt li huwa kien diġà bena l-istess ħajt għoli ta' tliet sulari bla ma kien għamel ebda apertura fl-istess ħajt fin-naħa ta' fejn dan l-aħħar fetaħ l-istess twieqi, u b'dan il-mod jirreintegra l-atturi fil-pussess tal-fond tagħhom; (2) u f'każ li dan ix-xogħol ma jsirx fiż-żmien li tagħtih din il-Qorti għall-fini ta' l-ewwel domanda, l-atturi jiġu awtorizzati li jagħmlu huma dan ix-xogħol, taħt id-direzzjoni ta' perit li jiġi nominat u a spejjeż tal-konvenut. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju, kompriżi dawk tal-protest tal-20 ta' Ottubru 1952, u bl-inġunzjoni lill-imħarrek biex jagħti s-subizzjoni tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha eċċepixxa li d-domandi huma nfondati, għaliex it-twieqi kienu jeżistu qabel ma nbena l-fond, u għalhekk huwa kellu d-dritt

jerġa' jagħmilhom; u fi kwalunkwe każ ma hemm ebda spoll, u mhix eżerċitabili l-azzjoni ta' l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni privileġġjata hekk imsejħa "di spoglio recente", kontemplata fl-art. 572 tal-Kodiċi Civili;

Illi rekwiżiti ta' dina l-azzjoni huma :— (1) Li hija tiġi eżerċitata fi żmien xahrejn mill-ispoll; (2) li min jippretendi li sofra spoll ikollu l-pussess tal-ħaġa; (3) u li l-konvenut ikun għamel spoll;

Illi rigward l-ewwel rekwiżit ma jidherx li hemm kontestazzjoni...........;

Illi kwantu għat-tieni rekwiżit, il-pussess tal-ħaġa f'min isofri l-ispoll jista' jkun ta' kwalunkwe xorta, saħansitra sempliċement materjali u ta' natura prekarja. Fil-każ tagħna, l-atturi qegħdin jinvokaw favur tagħhom, mingħajr kontestazzjoni, pussess b'titolu ta' proprjetà, peress li l-fondi nri. 7 u 7A. Desain Street, Vittoriosa, li fuqhom il-konvenut fetaħ l-aperturi in kwistjoni, huma proprjetà ta' l-atturi;

Illi l-konvenut, per mezz tad-difensur tiegħu, sostna fid-dibattitu orali li mhux kull xorta ta' pussess, anki ta' durata qasira, huwa suffiċjenti għal dina l-azzjoni; u ppretenda li jrid ikun pussess ta' mhux anqas minn tletin sena; fis-sens li, biex l-atturi jkunu jistgħu jirritjenu ruħhom spoljati minn dawk l-aperturi, hemm bżonn li huma jippruvaw li huma kienu ilhom jippossjedu l-fond tagħhom liberu għal żmien tletin sena. Din il-pretensjoni hija evidentement inammissibili, peress li, skond l-art. 572 fuq ċitat, għall-azzjoni ta' spoll biżżejjed li l-persuna tkun imneżża' mill-pussess, "ta' liema xorta jkun"—fit-test oriġinali taljan "possesso qualunque esso sia" (art. 230 Ord. VII ta' l-1868); jiġifieri mhux biss kwantu għan-natura tiegħu, imma anki għaż-żmien. "Questa azione", irriteniet il-Kassazzjoni ta' Napli fil-kawża "Pantalone utrinque", deċiża fit-30 ta' Ġunju 1869, "si dà a chiunque sia stato spogliato di un possesso qualunque, senza che occorra conoscere nè il tempo dal quale lo spogliato riteneva la cosa, nè il titolo in virtù del quale possedeva" (Bettini, Giurisp. Italiana, 1862,

I, § 652). Anki pussess qasir ħafna, u saħansitra pussess momentaneu, huwa biżżejjed biex jawtorizza l-eżerċizzju ta' din l-azzjoni (**Fadda**, Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 695-697, nri. 117, 119, u 167). Konsegwentement anki jekk jirriżulta li l-atturi ma ppossedewx għal tletin sena l-fondi tagħhom mingħajr iż-żewġ aperturi in kwistjoni, biżżejjed għalihom li f'xi żmien dawn l-aperturi nfetħu mentri qabel ma kienux hemm, biex l-atturi jkunu jistgħu jesperixxu l-azzjoni odjerna;

Illi, għalkemm il-kawża hija ta' indoli possessorja, kien però neċessarju li jiġi b'xi mod delibat il-petitorju, sabiex jirriżultaw il-limiti tal-pussess ta' l-atturi u t-titolu tal-konvenut —ċirkustanzi li minnhom tista' tiddependi l-possibilità ta' din l-azzjoni, u li kostantement ġew rikonoxxuti bħala ammissibili anki mill-Qrati Tagħna (Kollez. XXIV—I—451; XXXIII—I—173);

Illi dana r-rifless iwassalna biex nikkunsidraw l-aħħar u l-aktar element importanti ta' dina l-azzjoni, jiġifieri jekk il-ftuħ taż-żewġ aperturi fil-ħajt diviżorju bejn iż-żewġ proprjetajiet jikkostitwix, taħt iċ-ċirkustanzi, spoll skond il-liġi;

Illi fil-kliem tal-Pacifici Mazzoni, "spoglio è qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontà dello spogliato" (Istituzioni, Vol. II, § 52); u skond l-art. 572 ġà ċitat, trid il-persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, imneżża' mill-pussess. Id-difensur tal-konvenuti jippretendi li jrid ikun hemm privazzjoni totali tal-pussess, u mhux sempliċi vjolazzjoni jew privazzjoni parzjali, bħalma hija talvolta s-soġġezzjoni derivanti mill-ftuħ taż-żewġ aperturi in kwistjoni. Dina l-pretensjoni, però, ma hix aċċettabili. Difatti, ir-reintegrazzjoni ta' l-ispoll hija intiża biex tirreprimi offiża lill-ordni publiku magħmula minn min juża l-vjolenza jew, bħal ħalliel, jaġixxi bil-moħbi. Fuq dana r-rifless, skond ir-Ricci, "qualunque sia il risultato degli atti violenti o clandestini, importino cioè la privazione totale o parziale del possesso, vi ha sempre spoglio, dappoichè nell'un caso e nell'altro vi è attentato alla sicurezza sociale, e quindi nell'un caso e nell'altro vi è ragione di far valere la reintegranda, che è il rimedio apprestato dalla legge ad impedire che l'individuo, surrogandosi al magistrato, si renda giustizia da sè" (Corso

Teorico-Pratico di Diritto Civile, Vol. V, § 103, pag. 169). Liema interpretazzjoni ġiet adottata anki mill-Qrati Tagħna, li ddefinew spoll kull meta jkun hemm invażjoni jew restrizzjoni tal-pussess ta' ħadd ieħor, kontra jew mingħajr il-kunsens tal-possessur (Kollez. XX—II—368); kif ukoll fil-każ, analogu għal dak in kwistjoni, ta' ftuħ ta' twieqi u aperturi għal fuq il-proprjetà ta' ħadd ieħor (Kollez. XXXIII—I—173);

Illi, assodat li anki sempliċi privazzjoni parzjali tal-pussess tista' tammonta għal spoll, hemm bżonn li jiġi eżaminat jekk il-konvenut, meta għamel iż-żewġ aperturi in kwistjoni, inkorriex fis-sanzjonijiet ta' l-art. 572 fuq ċitat. Huwa ma jikkontestax li fetaħ dawk l-aperturi; iżda jgħid li fetaħhom għax kienu hemm sa minn qabel ma l-post iġġarraf bil-gwerra, u konsegwentement huwa eżerċita dritt li kellu, u ma kienx hemm fih l-"animus spoliandi", li hu meħtieġ għall-konfigurazzjoni ta' l-ispoll. Biex isostni dana d-dritt il-konvenut ġieb bħala xhieda..............;

Illi l-Qorti hija persważa bl-eżistenza ta' dawn l-aperturi, u toqgħod iżjed fuq ix-xhieda ta' l-inkwilini li kienu jaraw mill-viċin u talvolta jiftħu u jgħalqu dawk l-aperturi...........;

Illi, del resto, anki l-atturi jissospettaw bl-eżistenza ta' dawn l-aperturi, tant li fil-premessi taċ-ċitazzjoni ddikjaraw li "seta' kien hemm żewġ ventjeri (rewwieħat) ta' dimensjoni ferm iżgħar", jiġifieri dawk in kwistjoni;

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, il-konvenut, meta reġa' fetaħ dawk l-aperturi, kien fil-limiti almenu tal-pussess tiegħu, u b'hekk huwa ma kellux l-"animus spoliandi". Hawn ta' min jipproduċi, f'dan ir-rigward, l-insenjament ta' Carmelo Belfiore:— "Per lo spoglio.......... occorre che ci sia l'animus, l'intenzione di spogliare del possesso colui che lo detiene; senza quest'animus, anche se sia verificato materialmente uno spoglio violento o clandestino, non si dà adito alla azione di reintegrazione............. Lo spoglio, infatti, non è che la sostituzione violenta o clandestina del possesso proprio o di altri a quello della persona che ne viene privato; senza l'intenzione di attentare all'altrui possesso per sostituirvene un altro, non vi ha spoglio". U aktar 'il quddiem l-istess

awtur igħid:— "Essendo lo spoglio violento la privazione arbitraria del possesso........... non si versa in tema di spoglio quando trattasi di un atto compiuto nel limiti del proprio possesso. L'esercizio del proprio possesso, 'jus possessionis', non è un fatto arbitrario.............. giacchè anche in materia di possesso non è meno evidente l'efficacia del principio relativo al diritto 'qui suo jure utitur nemini facit iniuriam' " (Digesto Italiano, Reintegrazione (azione di), nri. 25 u 26). F'dan is-sens huwa l-insenjament ta' Pacifici Mazzoni (op. ċit. § 52). Liema prinċipju ġie anki applikat mill-Qorti ta' l-Appell tar-Reġina fil-kawża "Grazia Psaila vs. Francesco Psaila et.", deċiża fil-11 ta' Marzu 1946;

Illi lanqas ma jista' jingħad li l-konvenut aġixxa bil-moħbi; għaliex kollox hu għamel fil-beraħ u b'mod li l-atturi setgħu jarawh liberament;

Illi fid-dibattitu orali ġie sottomess mid-difensur ta' l-attur li, fi kwalunkwe eventwalità, għandu jiġi eżaminat jekk l-aperturi kienux daqs dawk tal-lum jew iżgħar; iżda l-Qorti mhijiex sejra tidħol f'dina l-kwistjoni, peress li, kif ġie osservat fuq, il-petitorju ġie f'dina l-kawża sempliċement delibat, u għalhekk id-dimensjonijiet ta' dawk l-aperturi u dettalji oħra relativi jeżorbitaw mil-limiti tal-kawża possessorja;

Għal dawna l-motivi;

Tiċħad id-domandi ta' l-attur;

L-ispejjeż, in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, jitħallsu żewġ terzi mill-konvenut u t-terz l-ieħor mill-atturi; li favur tagħhom tibqa' riżervata kull azzjoni oħra "si et quatenus".